MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 711/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Sandra Mercieca**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 4 t`Awissu, 2014 miġjuba fil-konfront ta` Sandra Mercieca, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 519876M fejn ġiet mixlija talli nhar it-3 t'April 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq ta' flus kontanti f'ammont li jeċċedi l-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur (li ma jaqbiżx l-€2329.37) għad-detriment ta' Antoinette Shah, Daniela Calleja Bitar, Francesca Scerri u Jennifer Azzopardi

u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputata skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 4 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-dott. Marion Camilleri tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha u wara li tagħtha ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura minnha, l-imputata wieġbet li hija ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputata;

Il-Qorti matul is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 semgħet sommarjament lill-vitmi f'dan il-każ jiddikjaraw li huma kienu rċevew mingħand l-imputata l-ammonti ta' flus kollha derubati minnha.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena u senjatament :

Lill-Uffiċjal Prosekutur li tenna li l-imputata rrikonoxxiet li kienet żbaljat sa mill-bidu nett kif kien ukoll jidher mill-istqarrija tagħha u minn Dok RV2. Inoltre kien jirriżulta li l-fedina penali tagħha kienet netta. Inoltre l-imputata kienet irritornat lura r-refurtiva fi żmien erbat ijiem u kienet ukoll skużat ruhha mad-derubati. Il-Prosekuzzjoni invitat lill-Qorti tikkonsidra l-piena ta' liberazzjoni kondizzjonata tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-difiża fis-sens illi :

(a) l-imputata diġa ħalset biżżejjed għal egħmilha meta hija issa spiċċat imkeċċija minn fuq ix-xogħol minħabba dak li għamlet;
(b) li diġa ħadet ħsieb l-aspett retributtiv in kwantu irritornat lura l-ammonti misruqa lid-derubati;
(c) taqbel mas-suġġeriment magħmul mill-Uffiċjal Prosekutur relattivament għall-piena li din il-Qorti tista tikkonsidra f'dan il-każ in kwantu piena karċerarja mhix idoneja.

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. U semgħet lil Donnalise Livori, Uffiċjal tal-Probation tippreżenta r-rapport verbali tagħha bil-ġurament.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha.

Il-Qorti tifhem li l-imputata irriżerċiet lura lid-derubati l-ammonti misruqa f'qasir żmien. U dan huwa fattur pożittiv. Pero l-istess Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputata tradiet il-fiduċja ta' dawk li kienu jtuha x-xogħol li minnu kienet tista taqla l-ħobża ta' kuljum tagħha. Bl-azzjoni tagħha hija nisslet iż-żerriegħa tal-biża f'dawk in-nies li ġew derubati li minn issa l-quddiem sejrin jibqgħu immarkati b'din l-esperjenza li l-imputata għaddiethom minnha. B'hekk ma tistax tilqa' t-talba tal-partijiet għal liberazzjoni kondizzjonata f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra meta l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputata, l-ammissjoni birkija tagħha, il-koperazzjoni tagħha mal-Pulizija u mad-derubati, nonche l-espressjoni t' dispjeċir għal dak li għamlet, il-Qorti tqis verament li f'dan il-każ piena karċerarja ma tkunx dik idoneja.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata għandha tpatti għal egħmilha billi trodd lura xi ħaġa lis-soċjeta' li hija offendiet bir-reati kommessi minnha billi tirrendi ruħha soċjalment utli u tagħmel għadd ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma titħallas tiegħu.

***<u>Għaldaqstant</u>***

il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' priġunerija kontra Sandra Mercieca qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li tagħmel xogħol bla ħlas għal tletin (30) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor hija, tista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq ta' l-ordni hawn fuq imsemmi.

***Moghtija illum it-28 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------